# TAĦRIĠ GĦAS-SEBA' SENA (SKOLA MEDJA)

# Il-Malti

malti.skola.edu.mt

Daqqa t'id fil-Malti

DaqqatIdFilMalti

# A. Aqra dan id-Djalogu u wara aħdem it-taħriġ. (Taħriġ imħejji mis-Sur D. Pace)

## Kollox Spiċċa b'Wiċċ il-Ġid









## Taħriġ

i) Innota, immarka u agħti t-tifsira tal-espressjonijiet idjomatiċi li nsibu f'dan id-djalogu.

1. Il-ġurnata minn filgħodu turik:
2. Iġġib id-dinja fit-tarf: ____________________________________________
3. Min jistenna jithenna: ____________________________________________
4. Skont id-daqqa niżfnu: ____________________________________________
5. Tifaxxax rasek qabel taqsamha: ______________________________________
6. Qawwijin u sħaħ: _______________________________________________
7. Għamel għaġeb: ________________________________________________

ii) Aħseb fi tmiem differenti għal din l-istorja u oħloq djalogu oriġinali. Tinsiex tbiddel it-titlu tad-djalogu biex jaqbel ma' dak li ktibt int. Uża dan il-format:

| *Titlu* |
| --- |
| *Isem 1:* |
| *Isem 2:* |

## B. Kitba ta' Komponiment (Taħriġ imħejji mis-Sur P. Gatt)

i) Ħares u aqra din ***l-Għanqbuta ta' Ħsibijiet*** dwar it-titlu: **Meta ltaqt ma' persuna famuża li kont ilni nixtieq nara.**




ii) F'madwar 200 kelma ikteb komponiment bl-istess titlu.

## Ċ. Ikteb il-mamma tal-verbi b'linja taħthom f'tarf is-sentenza. (Taħriġ imħejji mis-Sa L. Cilia u s-Sa C. Mercieca)

0. L-Indjani ssibhom madwar id-dinja kollha. ________________

1. L-Indjani huma nies li jħobbu l-familja. ________________

2. In-nisa fl-Indja jilbsu kollha l-istess, sew jekk għonja u kif ukoll jekk fqar. ________________

3. Ta' kuljum jindilku b'żejt ifuħ. ________________

4. Għandhom id-drawwa li n-nisa jimxu quddiem bit-tfal u r-raġel jimxi waħdu fuq wara.

________________

5. Meta tistaqsi lin-nisa Indjani x'jisimhom, ma jkunux iridu jgħidulek. ________________

6. Il-foqra fl-Indja jixtru l-orħos drappijiet. _______________

7. Il-maġġoranza tal-Indjani jemmnu fl-Induwiżmu. _______________

8. Kull tnax-il sena l-Indjani jiċċelebraw festival Induwist magħruf bħala Kumbh Mela li jmorru għalih madwar 60 miljun ruħ. ______________

## D. Ikkonjuga l-verbi fil-parentesi fil-PERFETT biex jagħmlu sens fis-sentenza. (Taħriġ imħejji mis-Sa R. Vella)

0. Samwel u Steve (ltaqa') ltaqgħu wara ħafna snin.

1. Marija (bela') _____________ labra.

2. Int (għamel) ______________ ix-xogħol kollu?

3. Ilbieraħ jien (stenbaħ) ______________ kmieni ħafna.

4. Huma (ntgħażel) ______________ għall-kompetizzjoni.

5. Hija (wera) ______________ ħilitha kollha.

6. Tal-kumitat (ltaqa') ______________ fis-sitta ta' filgħaxija.

7. Intom (wiegħed) ______________ li se tiġu għada.

8. Ħuti tgħidx kemm (għam) _______________ fil-fond!

## E. Aqta' linja taħt il-verbi li qegħdin fil-kmand fis-sentenzi li qed jispjegaw il-metodu. (Taħriġ imħejji mis-Sa M. Micallef)

***Ftira biż-żejt***

**L-Ingredjenti:**

ftira
kunserva
tonn taż-żejt
żebbuġ
ħjaru mqatta'
tursin
żejt
ġbejniet
bżar u melħ
żejt taż-żebbuġ



| Il-Metodu |
|---|

1. Aqsam il-ftira min-nofs.
2. Dellek iż-żewġ nofsijiet bil-kunserva.
3. Ġo skutella, itfa' t-tonn taż-żejt, iż-żebbuġ, il-ħjaru mqatta', it-tursin, iż-żejt u l-ġbejniet.
4. Ħawwad kollox flimkien.
5. Ifrex it-taħlita ġol-ħobża.
6. Roxx ftit bżar, melħ u żejt taż-żebbuġa.

**F. Poġġi l-verbi li huma miktuba fil-parentesi fl-imperattiv u wara daħħalhom fit-tisliba. GĦ u IE jinkitbu f'żewġ kaxxi.**

**MIMDUDIN**

1. ________________ (nota) l-ġmiel ta' nżul ix-xemx.
3. Illum ________________ (libes) il-beritta għax ix-xemx qawwija.
5. Hekk kif toħroġ, ________________ (għalaq) il-bieb warajk.
6. Dejjem ________________ (obda) 'l min iridlek il-ġid.
7. ________________ (resaq) ħdejja ħalli nkellmek.

**WEQFIN**

2. ________________ (ħasel) il-platti.
3. ________________ (talab) l-għajnuna f'mumenti diffiċli.
4. Jekk jogħġbok, ________________ (laħlaħ) saqajk mir-ramel qabel tidħol fil-karozza.





## Ġ. In-Nom tal-Aġent (Is-Sa A. Farrugia)






### i. *In-Nota:*

1. In-**nomi tal-aġent** huma ***persuni*** marbuta ma' azzjoni partikolari.

2. Nagħraf **in-nomi tal-aġent** billi nistaqsi: "X'jagħmel dan l-individwu?"

**3. In-nomi tal-aġent** (Semitiċi) ikollhom konsonanti doppja fin-nofs u l-aħħar vokali tan-nom tkun dejjem twila (ie/a): eżempju: ***bajjad u sajjied***.

**Nomi tal-aġent mir-Rumanz u l-Ingliż ma jsegwu l-ebda forma partikolari**: eżempju: ***pustier, spiżjar sprejer***.

**ii. Ikteb storja b'ħames nomi tal-aġent tal-għażla tiegħek.**



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## G. Imla l-vojt.

1. Il-________________________ tħit u ssewwi l-ħwejjeġ.

2. Debora hija ______________________ tajba ħafna għaliex taf tiżfen.



3. L-_________________________ isewwi ħafna arloġġi.



4. Matthew imur il-lezzjonijiet tal-pjanu għaliex jixtieq isir ______________________ tajjeb.

5. Kull filgħodu l-_____________________ joħroġ il-ħobż frisk mill-forn.



6. Trevor Żahra huwa ___________________ famuż.



7. Il-_____________________ ipinġi xeni sbieħ ħafna fil-pitturi tiegħu.



## GĦ. Imla l-vojt bl-Artiklu. (Is-Sur P. Gatt)

1. Sebħet ____ ġurnata tas-Sibt.
2. ____ xemx kienet tidher tielgħa.
3. ____ żunżan beda jfarfar ġwenħajh.
4. ____ xkora kienet mimlija.
5. ____ skola tagħna fiha tliet sulari.
6. Smajthom ____ ħsejjes?
7. Naddaf dawk ____ mwejjed!
8. ____ pulizija xejnu ____ rvell.
9. ____ smewwiet mimlija sħab.
10. ____ xwabel jinsabu fil-fortizza.



## H. Agħti l-plural ta' dan il-kliem u sibu fil-gradilja.

1. rdum: _________________ 2. qiegħ: _________________
3. għalqa: _________________ 4. muntanja: _________________
5. nixxiegħa: _________________ 6. borma: _________________
7. ħoss: _________________ 8. għatu: _________________
9. sena: _________________ 10. dielja: _________________

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ċ | i | t | d | w | i | e | l | i | s |
| s | r | b | o | r | o | m | p | l | b |
| w | d | k | e | g | h | u | q | p | z |
| r | u | o | u | s | j | n | għ | ħ | t |
| l | m | z | p | n | a | t | o | s | f |
| n | i | x | x | i | għ | a | t | e | v |
| v | j | ż | m | n | x | n | j | j | ċ |
| b | i | q | x | k | r | j | i | j | d |
| għ | e | l | i | e | q | i | e | e | r |
| a | t | k | q | i | għ | a | n | s | ż |

## Ħ. Kitba Oġġettiva u Suġġettiva

**Tifsira:**

**Kitba Oġġettiva:** Kitba li tippreżenta l-fatti u l-evidenza mingħajr ma tikxef l-emozzjonijiet u l-opinjoni tal-awtur. Kitba oġġettiva hija bbażata fuq il-fatti, l-istatistika u r-riċerka. Il-kotba tal-iskola, ir-rapporti tal-aħbarijiet u l-istatistika ġeneralment jirrappreżentaw kitba oġġettiva.

Eż. F'Malta wieħed minn kull erba' persuni għandu problema ta' piż żejjed.

Il-Finlandja hija l-pajjiż bl-inqas ammont ta' abitanti għal kull kilometru kwadru fl-Unjoni Ewropea (18) waqt li Malta għandha l-ogħla rata jiġifieri 1,314-il persuna kull kilometru kwadru.

**Kitba Suġġettiva:** Kitba li tikxef il-fehmiet, l-emozzjonijiet, il-ħsibijiet u l-ġudizzji tal-awtur. Awtobijografiji u editorjali tal-gazzetti huma bbażati fuq kitba suġġettiva għaliex l-awtur jistqarr fehmtu dwar ġrajjiet, ċirkustanzi jew argumenti partikulari.

Eż. L-Ingliżi huma nies tassew onesti u għalihom il-ħarsien tal-liġi hija prijorità.

Il-klabbs tal-futbol Taljani huma l-aktar klabbs ta' suċċess fid-dinja.

**1. Aqra sewwa dan it-tagħrif dwar it-traġedja tas-Simshar li seħħet fis-sajf tal-2008.**




# It-Traġedja tas-Simshar: X'ġara jum b'jum

**It-Tnejn, 7 ta' Lulju 2008**

Għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu, Simon Bugeja jitlaq mill-port ta' Marsaxlokk għal sajda fuq il-bastiment tiegħu Simshar, imsemmi għalih u għal martu Sharin. Miegħu fuq il-bastiment hemm missieru Karmenu ta' 61 sena, ibnu Theo ta' 11-il sena, Noel Carabott ta' 33 sena u s-Somalu Abdulrahman Abdalla Gedi ta' 21 sena.

**L-Erbgħa, 9 ta' Lulju 2008**

Simon Bugeja jibgħat messaġġ minn Lampedusa lil martu biex jitlobha r-rapport tat-temp. Hi tgħaddilu r-rapport u tistaqsih jekk Theo hux qed jieħu gost.

**Il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2008**

Ftit qabel it-8.15pm jintbagħat l-aħħar sinjal minn fuq is-Simshar li jindika l-pożizzjoni tal-bastiment.

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju 2008**

Is-Simshar hu mistenni jidħol lura Marsaxlokk iżda, skont ma jirrakkonta Simon Bugeja aktar tard, għall-ħabta tas-1.00pm isseħħ splużjoni fuqu. Il-bastiment jitfarrak biċċiet u n-nies ta' fuqu jispiċċaw il-baħar.

**Is-Sibt, 12 ta' Lulju 2008**

Sharin Bugeja tirrapporta s-Simshar nieqes fis-7.20pm. Kwarta wara tibda tfittxija għall-bastiment mill-Forzi Armati ta' Malta.

**It-Tlieta, 14 ta' Lulju 2008**

Bastiment tal-qawwa navali Taljana kif ukoll diversi sajjieda Xlukkajri bil-bastimenti tagħhom jingħaqdu fit-tfittxija għas-Simshar.

**Il-Ħamis, 17 ta' Lulju 2008**

Sajjieda fuq il-bastiment tas-sajd Laura II isibu l-katavru ta' Noel Carabott.

**Il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju 2008**

Minn helicopter tal-Forzi Armati ta' Malta jintlemaħ il-kadavru ta' Karmenu Bugeja. Ftit wara, fit-7.50pm, is-sajjieda fuq il-bastiment tas-sajd Grecale jsibu lil Simon Bugeja ħaj, għalkemm qed jilgħabha mal-mewt. Huwa jgħid li ibnu Theo miet il-jum ta' qabel iżda żelaqlu minn idejh u ma setax iżomm il-katavru tiegħu fil-wiċċ.




**Is-Sibt, 19 ta' Lulju 2008**

Il-Grecale jsib ukoll il-katavru ta' Abdulrahman Abdalla Gedi.

**It-Tnejn, 21 ta' Lulju 2008**

Tkompli t-tfittxija għal Theo Bugeja.

**Il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju 2008**

Xi sajjieda jikru ajruplan privat biex ifittxu lil Theo mill-ajru huma wkoll.

**It-Tnejn, 28 ta' Lulju 2008**

It-tfajjel jibqa' ma jinstabx u t-tfittxijiet jieqfu.

**(Rapport meħud minn http://www.inewsmalta.com/article.php?ID1=8482)**

**Artikli oħra:**
https://www.timesofmalta.com/articles/view/20090630/local/bugeja-says-he-did-not-know-how-to-operate-simshar-safety-equipment.263121
https://www.timesofmalta.com/articles/view/20090630/local/what-caused-the-simshar-explosion.263120
https://www.timesofmalta.com/articles/view/20090630/local/simshar-lack-of-coordination-in-search-efforts.263123

**2. Agħżel bejn id-dikjarazzjonijiet oġġettivi u dawk suġġettivi. Segwi l-eżempju.**

| | **Dikjarazzjoni Oġġettiva** | **Dikjarazzjoni Suġġettiva** |
|---|---|---|
| 1. Is-Simshar salpa 'l barra mill-port ta' Marsaxlokk għall-ħabta tal-ħamsa tas-7 ta' Lulju 2008. | ✓ | |
| 2. Jista' jkun li s-Simshar ma kellux tagħmir addattat tas-sigurtà. | | |
| 3. Is-Simshar kellu jidħol lura Marsaxlokk il-Ġimgħa 11 ta' Lulju 2008. | | |
| 4. It-tiftix għal dan il-bastiment tas-sajd beda malli Sharin Bugeja rrappurtat li żewġha u l-kumplament tal-ekwipaġġ tas-Simshar kienu għadhom ma daħlux lura Marsaxlokk. | | |
| | **Dikjarazzjoni Oġġettiva** | **Dikjarazzjoni Suġġettiva** |
| 5. Ħafna kienu tal-fehma li s-sajjieda Maltin ġew attakkati minn sajjieda barranin. | | |
| 6. It-tobba tal-isptar sostnew li huwa impossibbli li wieħed jgħix fil-baħar aktar minn tmienja u erbgħin siegħa. | | |
| 7. Kien hemm min issopona li dan il-bastiment kien inqabad f'maltempata qalila li laqtet in-Nofsinhar tal-Mediterran. | | |
| 8. Simon Bugeja qal li hu jaħseb li l-isplużjoni fuq il-bastiment kienet ikkawżata minn friġġ li taħdem bil-gass. | | |
| 9. Xi dilettanti tas-sajd qalu illi kieku l-bastiment kien tal-injam ma kienx jegħreq. | | |
| 10. It-tfittxijiet fuq il-baħar waqfu it-Tnejn, 28 ta' Lulju 2008, sbatax-il jum wara l-allegat inċident. | | |

**3. Kitba mill-perspettiva tal-protagonist**

i. Immaġina li inti Simon Bugeja, agħmel stqarrija/rendikont bil-fomm jew bil-kitba, mill-perspettiva tiegħek ta' kif seħħ dan l-inċident, minn meta tlaqtu mill-port ta' Marsaxlokk sa ma ġejt salvat mill-Grecale.  Tista' żżid u tnaqqas mal-fatti t' hawn fuq skont kif tħoss li hu xieraq biex toħloq storja kredibbli.

ii. Ikteb/għid il-kummenti tiegħek fl-ewwel intervista tiegħek mal-mezzi tax-xandir dwar kif affettwatek din il-ġrajja kiefra.




Kartellun tal-film Simshar li rebaħ bosta premjijiet internazzjonali ċinematografiċi

## 4. Kitba ta' rapport

Ikteb rapport biex tirrispondi dawn it-tliet mistoqsijiet. Għall-kitba tiegħek uża l-informazzjoni mogħtija fl-artikli t'hawn fuq iżda żid il-fehma tiegħek fejn tħoss li l-informazzjoni hija nieqsa.

a) X'wassal għal din it-traġedja?

b) Għalfejn taħseb li s-sajjieda damu daqshekk biex instabu?

ċ) X'nistgħu nikkonkludu dwar din il-ġrajja?

## 5. Kitba ta' kumment

Wara li tlesti mill-kitba tal-artiklu, immaġina li int l-qarrej. Ikteb kumment suġġettiv biex tesprimi l-opinjoni tiegħek dwar il-kredibbilità ta' dan l-artiklu u biex turi l-fehma tiegħek dwar dak li taħseb li seħħ tassew (simili għal kummenti li wieħed isib fi blogg). (L-istudenti jistgħu jaqraw ir-rapport ta' wieħed minn sħabhom u jikkummentaw dwar ir-rapport tiegħu / tagħha.)